

Brussell, 13 ta' Lulju 2017
(OR. en)

10935/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0281 (COD)**

**CODEC 1199
DEVGEN 158
ACP 76
RELEX 606
ECOFIN 617
CADREFIN 83
ASIM 86
MAMA 124
COEST 169
COAFR 198
PE 55**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) u li jstabbilixxi l-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mit-3 sas-6 ta' Lulju 2017)

I. INTRODUZZJONI

It-tliet Co-Rapporteurs, is-Sinjura Eider GARDIAZABAL RUBIAL (S&D, ES), is-Sur Eduard KUKAN (PPE, SK) u s-Sur Doru-Claudian FRUNZULICĂ (S&D, RO) ippreżentaw rapport magħmul minn 105 emendi (l-emendi 1-105) għar-Regolament propost, li ġie adottat b'mod konġunt mill-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Iżvilupp.

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċizzjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-għan li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, biex b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

F'dan il-kuntest, ġiet ippreżentata emenda ta' kompromess waħda (l-emenda 106). Din l-emenda kien intlaħaq qbil dwarha matul il-kuntatti informali msemmijin hawn fuq.

II. VOT

Meta vvotat fis-6 ta' April 2017, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda 106) għall-proposta għal Regolament.

Il-proposta tal-Kummissjoni, kif hekk emendata, u r-risoluzzjoni leġislattiva jikkostitwixxu l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari², u tirrifletti dak li ġie maqbul preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, ladarba l-Ġuristi-Lingwisti jkunu eżaminaw it-test.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

² It-test tal-emendi adottati u r-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew jinsabu fl-Anness. L-emendi huma ppreżentati fil-forma ta' test konsolidat, fejn il-bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'tipa grassa u bil-korsiv. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P8_TA-PROV(2017)0311

Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) u t-twaqqif tal-Garanzija tal-EFSD u tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) u t-twaqqif tal-Garanzija tal-EFSD u tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (COM(2016)0586 – C8-0377/2016 – 2016/0281(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0586),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikoli 209(1) u 212(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0377/2016),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-28 ta' Ġunju 2017, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għall-Baġits skont l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A8-0170/2017),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2016)0281

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis--6 ta' Lulju 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament(UE) 2017/...tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) u t-twaqqif tal-Garanzija tal-EFSD u tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD*

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 209(1) u 212(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

* IL-FINALIZZAZZJONI LEGALI-LINGWISTIKA TA' DAN IT-TEST GĦADHA MA SARITX.

³ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2017.

Billi:

- (1) *Il-Pjan ta' Investiment Estern Ewropew (PIE) jipprevedi l-ħolqien tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) bħala l-ewwel pilastru tiegħu, flimkien ma' għajnuna teknika (it-tieni pilastru) u t-tiġib tal-klima ta' investiment u tal-ambjent ġenerali tal-politiki fil-pajjiżi sħab (it-tielet pilastru).*

- (2) ***L-EFSD għandu l-għan li jappoġġja l-investimenti primarjament fl-Afrika u fil-Viċinat tal-Unjoni bħala mezz biex jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tal-Aġenda 2030, b'mod partikolari l-qerda tal-faqar, kif ukoll l-impenji skont il-Politika Ewropea tal-Viċinat, li għet riveduta riċentament, sabiex b'hekk jiġu indirizzati l-kawżi soċjoekonomiċi speċifiċi tal-migrazzjoni, inkluża l-migrazzjoni irregolari, u jikkontribwixxu għar-riintegrazzjoni sostenibbli tal-migranti li jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, u jissaħħu l-komunitajiet ta' tranżitu u dawk ospitanti. Jenħtieġ li l-EFSD, bħala parti mill-PIE, jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 21).***
- (3) ***Jenħtieġ li l-investimenti fil-qafas tal-EFSD jikkomplementaw u jsaħħu l-isforzi mwettqa fil-kuntest tal-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni ma' pajjiżi terzi, inkluża, meta xieraq, l-implimentazzjoni tal-Qafas Ġdid ta' Sħubija mal-Pajjiżi Terzi fil-qafas tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni.***

- (4) *Jenħtieġ li l-EFSD ikun iggwidat mill-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (Trattat UE) u dawk tal-politika tal-Unjoni ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp stabbiliti fl-Artikolu 208 tat-TFUE. Huwa għandu jippermetti wkoll lill-investituri u lill-kumpaniji privati, b'mod partikolari lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jikkontribwixxu b'mod aktar effettiv għall-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab b'konformità mal-politika ta' żvilupp u tal-viċinat tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-EFSD jimmassimizza l-addizzjonalità, jindirizza l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investment subottimali, irendi prodotti innovattivi u jiġi attirat il-finanzjament mis-settur privat. Jenħtieġ li l-operazzjonijiet tal-EFSD jkunu distinti b'mod ċar minn appoġġ ieħor, u komplementari għalih, inklużi l-operazzjonijiet tal-mandat ta' self estern tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u l-Inizjattiva ta' Reżiljenza Ekonomika, kif ukoll il-Faċilità ta' Investment tal-AKP. Jenħtieġ li dawn ikunu wkoll komplementari għall-attivitajiet eżistenti ta' istituzzjonijiet finanzjarji eliġibbli oħra.*
- (5) *Jenħtieġ li l-EFSD jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, li tirrikonoxxi l-migrazzjoni internazzjonali bħala realtà multidimensjonali ta' rilevanza kbira għall-iżvilupp tal-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni, li tirrikjedi tweġibiet koerenti u komprensivi, filwaqt li jiġi enfasizzat il-potenzjal tal-migranti li jikkontribwixxu għat-tkabbir inklużiv u l-iżvilupp sostenibbli. L-investimenti se jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-persjonijiet migratorji li joriġinaw mill-faqar, il-kunflitt, l-instabilità, is-sottożvilupp, l-inugwaljanza, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, it-tkabbir demografiku, in-nuqqas ta' impjegi u ta' opportunitajiet ekonomiċi kif ukoll mit-tibdil fil-klima.*

- (6) *Jenħtieġ li l-EFSD ikun konformi mal-impenn tal-Unjoni skont l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp u mal-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp maqbula internazzjonalment.*
- (7) *L-iskop tal-EFSD huwa konformi mal-Istrateġija Globali tal-Unjoni għall-Politika Estera u ta' Sigurtà, li tinkorpora sfidi bħall-migrazzjoni u r-reżiljenza fil-politika estera globali tal-UE, filwaqt li **tiżgura li l-politika esterna tal-Unjoni tkun koerenti għalkollox mal-objettivi tal-politika ta' żvilupp u** tiżgura sinerġiji mal-politika Ewropea għall-iżvilupp u mal-politika Ewropea tal-Viċinat. **L-iskop tiegħu huwa wkoll konformi mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, sabiex jiġi żgurat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem filwaqt li jiġu indirizzati l-ispostament sfurzati u l-migrazzjoni irregolari.***
- (8) *Jenħtieġ li l-EFSD iħeġġeġ il-ħolqien ta' impjegi diċenti, l-opportunitajiet ekonomiċi u l-intraprenditorija, u tkabbir ekoloġiku u inklużiv b'enfasi partikolari fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa u taż-żgħażaġh skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020, waqt li jsaħħaħ l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem u l-aċċess ekwu għar-riżorsi naturali u l-użu tagħhom.*

- (9) *Jenħtieġ li l-involviment tas-settur privat fil-kooperazzjoni tal-Unjoni mal-pajjiżi sħab permezz tal-EFSD iħalli impatt addizzjonali u li jkun jista' jitkejjel fuq l-iżvilupp, mingħajr distorsjoni fis-suq u jenħtieġ li dan ikun kosteffikaċi, ibbażat fuq ir-responsabilità reċiproka u l-kondiviżjoni tar-riskju u tal-ispejjeż. Jenħtieġ li tali involviment jibni fuq impenn favur linji gwida u prinċipji miftiehma internazzjonalment, inklużi l-Prinċipji għall-Investment Responsabbli u l-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Linji Gwidi għall-Intrapriżi Multinazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD).*
- (10) *Sabiex jiġu ssodisfati l-impenji politiċi tal-UE dwar l-azzjoni fir-rigward tal-klima, l-enerġija rinnovabbli u t-tibdil fil-klima, jenħtieġ li sehem minimu ta' 28 % mill-finanzjament allokat taħt l-EFSD jiġi allokat għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment rilevanti għal dawn is-setturi.*
- (11) *Jenħtieġ li l-azzjonijiet fil-qafas ta' dan ir-Regolament jitfasslu b'tali mod li: jissodisfaw il-kriterji tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) stabbiliti mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) tal-OECD, filwaqt li jqisu l-ispeċifitàjiet tal-iżvilupp tas-settur privat; jirriflettu l-bżonnijiet ta' pajjiżi identifikati bħala pajjiżi li qed jesperjenzaw fraġilità jew kunflitt, pajjiżi l-anqas żviluppati u pajjiżi fqar b'dejn għoli; jipprovdu appoġġ xieraq għall-investimenti fir-reġjun tan-Nofsinhar u tal-Lvant.*

- (12) *Jenħtieġ li l-għajnuna teknika lill-pajjiżi sħab tikkostitwixxi t-tieni pilastru tal-PIE. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Kummissjoni żżid l-għajnuna sabiex tgħin lill-pajjiżi sħab jattiraw l-investment billi jippreparaw u jippromwovu l-proġetti aħjar, jiżviluppaw numru ogħla ta' proġetti bankabliu jgħarrfuhom lill-komunità internazzjonali tal-investituri. Jenħtieġ li jiġi stabbilit portal web pilota, fil-forma ta' bażi ta' data aċċessibbli pubblikament u faċli biex tintuża, li jipprovdi informazzjoni rilevanti dwar kull proġett.*
- (13) *Jenħtieġ li t-titjib tal-klima tal-investment u tal-ambjent ġenerali tal-politiki fil-pajjiżi sħab jikkostitwixxi t-tielet pilastru tal-PIE. Fil-kuntest tar-relazzjonijiet politiċi eżistenti tal-Unjoni mal-pajjiżi sħab, jenħtieġ li l-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (Rappreżentant Għoli) jżommu djalogi politiċi bil-għan li jiżviluppaw oqfsa ġuridiċi, politiċi u istituzzjonijiet li jippromwovu l-istabilità ekonomika, l-investment sostenibbli u t-tkabbir inklużiv. Jenħtieġ li dawn id-djalogi politiċi jkopru, inter alia, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata u l-flussi finanzjarji illeċiti, il-governanza tajba, l-inklużjoni tas-swieq lokali, l-ispinta lill-intraprenditorija kif ukoll lill-kuntesti lokali tan-negozju, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, kif ukoll politiċi żviluppati mill-perspettiva tal-ġeneru.*

- (14) Jenħtieġ li *l-EFSD* ikun magħmul minn pjattaformi ta' investiment reġjonali, li *jenħtieġ li jkunu stabbiliti fuq il-bażi tal-metodi ta' ħidma, il-proċeduri u l-istrutturi tal-faċilitajiet ta' taħlit esterni* eżistenti *tal-Unjoni u li jenħtieġ li jikkombinaw l-operazzjonijiet ta' taħlit tagħhom mal-Garanzija tal-EFSD*. *Jenħtieġ li l-Garanzija tal-EFSD tappoġġja l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment fil-pajjiżi sħab fl-Afrika u fil-Viċinat.*
- (15) *Fid-dawl tas-sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-użu tat-taħlit fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni, huwa essenzjali li t-taħlit jintuża meta l-valur miżjud tiegħu jkun jista' jintwera b'mod ċar.*

- (16) *Jenħtieġ li jinħoloq bord strateġiku tal-EFSD* sabiex jappoġġja lill-Kummissjoni fl-istabiliment ta' gwida strateġika u ta' miri ta' investment ġenerali, *kif ukoll fl-iżgurar ta' kopertura ġeografika u tematika xierqa u diversifikata għat-twieqi ta' investment. Jenħtieġ li l-bord strateġiku* jappoġġja wkoll il-koordinazzjoni, *il-komplementarjeta* u l-koerenza bejn il-pjattaformi reġjonali, *bejn it-tliet pilastri tal-PIE, bejn il-PIE u l-isforzi l-oħra tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni u dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, kif ukoll mal-istrumenti ta' finanzjament estern u l-fondi fiduċjarji rilevanti tal-Unjoni, kif ukoll mal-operazzjonijiet tal-mandat ta' self estern ġestiti mill-BEI, inklużi l-inizjattiva ta' reżiljenza tal-BEI u l-Faċilita ta' Investment tal-AKP, mingħajr preġudizzju għar-regoli interni ta' governanza tal-BEI.*
- (17) Jenħtieġ li l-bord strateġiku jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli, tal-Istati Membri *kollha* u tal-BEI. *Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew ikollu status ta' osservatur. Il-kontributori, il-kontropartijiet eliġibbli, il-pajjiżi sħab, l-organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti u partijiet ikkonċernati oħra,* ■ jistgħu jingħataw status ta' osservaturi, meta jkun xieraq. *Jenħtieġ li l-bord strateġiku jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu. Jenħtieġ li r-regoli ta' proċedura jiddefinixxu l-qafas għall-involviment tal-osservaturi, b'kunsiderazzjoni tal-istatus u r-rwoli rispettivi tagħhom.*

- (18) *Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-BEI jikkonkludu ftehim li jispeçifika l-kundizzjonijiet tal-kooperazzjoni tagħhom fil-ġestjoni tal-Garanzija tal-EFSD u jenħtieġ li jippreżentaw dak il-ftehim lill-bord strateġiku.*
- (19) *Jenħtieġ li kull pjattaforma ta' investiment reġjonali jkollha bord operattiv, li għandu jislet mill-esperjenzi tal-bordijiet operattivi tal-faċilitajiet ta' taħlit eżistenti. Jenħtieġ li l-bordijiet operattivi jipprovdu appoġġ lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawn jappoġġjaw lill-Kummissjoni fid-definizzjoni u l-monitoraġġ tal-miri ta' investiment reġjonali u settorjali, it-twieqi ta' investiment reġjonali, settorjali u tematiçi, li jifformula opinjonijiet dwar l-operazzjonijiet ta' taħlit u li jiddiskuti l-użu tal-Garanzija tal-EFSD skont it-twieqi ta' investiment li jridu jiġu definiti.*
- (20) *Jenħtieġ li jkun żgurat livell xieraq ta' informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'dak li jirrigwarda l-orjentazzjoni tal-użu tal-Garanzija tal-EFSD permezz tal-istabbiliment ta' twieqi ta' investiment.*
- (21) *Jenħtieġ li l-EFSD jopera bħala 'one-stop-shop' billi jirçievi proposti ta' finanzjament mingħand istituzzjonijiet finanzjarji u investituri pubbliçi jew privati u jagħti firxa wiesgħa ta' appoġġ finanzjarju għall-investimenti eliġibbli. Jenħtieġ li l-Garanzija tal-EFSD tkun appoġġjata mill-Fond ta' Garanzija tal-EFSD.*

- (22) *Jenħtieġ li l-EFSD juża strumenti innovattivi biex jappoġġja l-investimenti u jinvolvi lis-settur privat b'mod partikolari lill-intrapriżi mikro, kif ukoll lil dawk żgħar u medji. Jenħtieġ li huwa jippermetti wkoll lill-investituri Ewropej u lill-kumpaniji privati, inklużi l-intrapriżi mikro, żgħar u medji, jipparteċipaw b'mod aktar effettiv fl-isforzi biex jinkiseb żvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab. Hemm bżonn li jiġu indirizzati x-xkiel u l-ostakli għall-investimenti f'dan ir-rigward.*
- (23) *Jenħtieġ li l-Garanzija tal-EFSD tagħti prijorità lill-proġetti ta' finanzjament li jkollhom impatt għoli fuq il-ħolqien tal-impjiegi u li l-proporzjon tal-kostijiet u l-benefiċċji tagħhom itejjeb is-sostenibilità tal-investment. Meta l-operazzjonijiet ikunu qed jiġu appoġġjati bil-Garanzija tal-EFSD, jenħtieġ li ssir valutazzjoni ex ante fil-fond dwar l-aspetti ambjentali, finanzjarji u soċjali. Jenħtieġ li l-Garanzija tal-EFSD ma tintużax biex tissostitwixxi r-responsabilità tal-gvern li jipprovdi s-servizzi essenzjali.*
- (24) *Jenħtieġ li d-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fil-pajjiżi sħab jinkludu informazzjoni dwar opportunitajiet ta' finanzjament mill-EFSD fil-komunikazzjoni tagħhom immirata lejn is-soċjetà ċivili u l-pubbliku ġenerali u jikkontribwixxu għall-koerenza bejn il-pilastri tal-PIE.*

- (25) Jenħtieġ li l-Garanzija tal-EFSD tingħata lill-kontropartijiet eliġibbli għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment jew għall-istrumenti ta' garanzija għal perjodu ta' investiment inizjali sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (26) Sabiex tiġi prevista flessibilità, tizzied l-attraenza għas-settur privat u jiġi massimizzat l-impatt tal-investimenti, huwa xieraq li tiġi prevista deroga mill-Artikolu 58(1)(c)(vii) tar-Regolament (UE) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, li permezz tagħha l-kontropartijiet eliġibbli li huma korpi rregolati bil-liġi privata jistgħu jkunu wkoll korpi li ma jiġux fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u jistgħu jkunu wkoll korpi rregolati bil-liġi privata ta' pajjiż sieħeb.
- (27) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonkludi ftehimiet ta' garanzija mal-kontropartijiet eliġibbli li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet speċifiċi li taħthom tingħatalhom il-Garanzija tal-EFSD. Jenħtieġ li dawn il-ftehimiet ta' garanzija jipprovdu l-bażi ġuridika għall-kondiviżjoni adegwata tar-riskji, sabiex b'hekk jiġu pprovduti inċentivi għall-kontropartijiet eliġibbli bil-għan li jipprovdu finanzjament, kif ukoll il-mekkaniżmi u l-proċeduri għas-sejthiet potenzjali fuq il-Garanzija tal-EFSD.

⁴ Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

- (28) Jenħtieġ li l-Unjoni tagħmel disponibbli garanzija ta' EUR 1 500 000 000 sabiex tistabbilixxi l-Garanzija tal-EFSD. **Jenħtieġ li** l-Istati Membri u kontributori oħrajn **jigū** mistiedna jikkontribwixxu aktar sabiex jappoġġjaw il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD fil-forma ta' flus kontanti (l-Istati Membri u kontributori oħrajn) jew garanziji (l-Istati Membri) bil-għan li jżidu l-marġini ta' likwidità u b'hekk jippermettu li jżdied il-volum totali tal-Garanzija tal-EFSD. ■ Jenħtieġ li l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u kontributori oħrajn jigū mistiedna jipprovdu finanzjament addizzjonali lill-Fond ta' Garanzija tal-EFSD b'kundizzjonijiet li jenħtieġ li jigū stabbiliti fi ftehim li jrid jigū konkluż bejn il-Kummissjoni f'isem l-Unjoni u **l-kontributor** ■ .
- (29) Jenħtieġ li l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD jigū stabbilit bħala marġini ta' likwidità fil-każ ta' sejħa għall-Garanzija tal-EFSD. Sabiex jintlaħaq livell li jkun jirrifletti b'mod adegwat l-obbligi finanzjarji tal-UE b'rabta mal-Garanzija tal-EFSD, jenħtieġ li l-Unjoni tagħmel disponibbli EUR 750 000 000.
- (30) Sabiex iżidu l-impatt tal-Garanzija tal-EFSD fid-dawl tal-ħtiġijiet fir-reġjuni kkonċernati, jenħtieġ li l-Istati Membri **u l-pajjiżi tal-EFTA** jkollhom il-possibilità li jipprovdu kontribuzzjonijiet fil-forma ta' garanzija jew flus kontanti.

- (31) Billi l-fondi tal-FEŻ għandhom jintużaw ■ , jenħtieġ li jiġu allokati mill-inqas EUR 400 000 000 tal-kopertura tal-Garanzija tal-EFSD għal investimenti ***fil-pajjiżi sħab eliġibbli skont il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ)*** matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Garanzija tal-EFSD. Jenħtieġ li l-Garanzija tal-EFSD issir disponibbli biss meta ***tkun ġiet ikkonfermata kontribuzzjoni ta' EUR 400 000 000 mill-11-il ■ Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għall-Fond ta' Garanzija tal-EFSD.***
- (32) ***Peress li l-fondi tal-Istrument Ewropew tal-Viċinat, stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandhom jintużaw, jenħtieġ li minimu ta' EUR 100 000 000 tal-kopertura tal-Garanzija tal-EFSD jiġi allokati għall-investimenti fil-pajjiżi sħab mir-reġjun tal-Lvant u tan-Nofisnhar matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Garanzija tal-EFSD.***

- (33) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment koperti mill-Garanzija tal-EFSD bil-għan li tiżgura responsabilizzazzjoni *shħha* liċ-ċittadini Ewropej **u skrutinju u kontroll mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill**. Jenħtieġ li r-rapport jiġi ppubblikat sabiex il-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluża s-soċjeta` ċivili, ikunu jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta wkoll kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD sabiex jiġu żgurati r-responsabilizzazzjoni u t-trasparenza. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma wkoll lill-Kunsill tal-AKP-UE u lill-Assemblea Parlamentari Konġunta tal-AKP-UE fir-rigward tal-użu tal-fondi tal-FEŻ.***
- (34) ***Sabiex jiżguraw l-monitoraġġ u r-responsabilizzazzjoni tal-EFSD u tal-PIE, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jorganizzaw seduti ta' smiġħ bħala parti minn dialogu mal-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli, il-BEI u istituzzjonijiet finanzjarji eliġibbli oħra kif ukoll ma' organizzazzjonijiet tas-settur privat u tas-soċjeta` ċivili.***

- (35) Sabiex ikun jista' jitqies it-tagħlim miksub u jkun permess l-evolviment ulterjuri tal-EFSD, jenħtieġ li l-funzjonament tal-EFSD u l-użu tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD jiġu evalwati mill-Kummissjoni ***u minn evalwaturi esterni u jiġu soġġetti għal proċess ta' konsultazzjoni annwali mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***. Jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi evalwata indipendentement sabiex jiġi vvalutat il-livell ta' konformità tal-implimentazzjoni mal-bażi ġuridika, iżda wkoll sabiex jiġu stabbiliti l-applikabilità u l-prattikabilità tar-Regolament fil-kisba tal-oġġettivi tiegħu.
- (36) Sabiex jiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, bil-għan li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni, ħasil ta' flus jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'konnessjoni ma' kwalunkwe operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment koperti minn dan ir-Regolament, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) huwa intitolat li jwettaq investigazzjonijiet f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, mar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96⁶ u mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95⁷.

⁵ Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex ttiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

(37) *Jenħtieġ li l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment appoġġjati mill-EFSD jaderixxu mal-politika rilevanti tal-UE dwar il-ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għall-finijiet tat-taxxa li hija stabbilita fl-atti legali tal-Unjoni Ewropea u fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill, notevolment dawk tat-8 ta' Novembru 2016, b'mod partikolari fl-Anness tagħhom, u ma' kwalunkwe aġġornament sussegwenti.*

█

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I
DISPOŻIZZJONIJIET INTRODUTTORJI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, dan ir-Regolament jipprevedi li l-Kummissjoni tikkonkludi, fisem l-Unjoni, ftehimiet ta' garanzija mal-kontropartijiet eliġibbli kif definiti fl-Artikolu 10.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "pjattaformi ta' investiment reġjonali" tfisser faċilitajiet ta' taħlit skont l-Artikolu 4(1)(e) tar-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ u skont l-Artikolu 40 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323⁹ għall-kontribuzzjoni mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) flimkien mal-ġhoti tal-Garanzija tal-EFSD, kif stabbilit fl-Artikolu 6.

⁸ Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.03.2014, p. 95).

⁹ Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 58, 03.03.2015, p. 17).

- (2) "tieqa ta' investiment" tfisser żona fil-mira għal appoġġ mill-Garanzija tal-EFSD għal portafolli ta' investimenti f'reġjuni, pajjiżi jew setturi speċifiċi u implimentati permezz tal-pjattaformi ta' investiment reġjonali;
- (3) "kontributor" tfisser Stat Membru, istituzzjoni finanzjarja internazzjonali jew istituzzjoni pubblika ta' Stat Membru, aġenzija pubblika jew entitajiet oħrajn li jikkontribwixxu f'għotjiet ta' flus kontanti jew f'garanziji għall-Fond ta' Garanzija tal-EFSD;
- (4) "pajjiżi sħab" tfisser pajjiżi li huma firmatarji għall-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropew u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, li ġie ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000¹⁰, pajjiżi li huma elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹, kif ukoll pajjiżi li huma eliġibbli għall-kooperazzjoni ġeografika skont ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹².

¹⁰ ĠU L 317, 15.12.2000, kif emendat l-aħħar minn ĠU L 287, 4.11.2010.

¹¹ Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

¹² Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp għall-perjodu 2014–2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

- (5) "addizzjonalità" tfisser il-prinċipju li jiġi żgurat li l-appoġġ għall-Garanzija tal-EFSD *jikkontribwixxi għal żvilupp sostenibbli permezz ta' operazzjonijiet li ma setgħux jittwettqu mingħajr il-Garanzija tal-EFSD, jew li jiksbu riżultati pożittivi li jmorru lil hinn minn dak li seta' jinkiseb mingħajr l-appoġġ. Addizzjonalità tfisser ukoll li jiġi attirat il-finanzjament mis-settur privat u jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment kif ukoll it-titjib tal-kwalità, is-sostenibilità, l-impatt jew l-iskala ta' investiment. L-operazzjonijiet tal-Garanzija tal-EFSD ma għandhomx jissostitwixxu l-appoġġ ta' Stat Membru, il-finanzjament privat jew intervent finanzjarju ieħor mill-Unjoni jew internazzjonali, u għandhom jevitaw li jeskludu investimenti pubbliċi jew privati oħrajn. Il-proġetti appoġġjati mill-EFSD tipikament għandhom profil ta' riskju oġġla mill-portafoll tal-investimenti appoġġjati mill-kontropartijiet eliġibbli fil-qafas tal-politiki ta' investiment normali tagħhom mingħajr il-Garanzija tal-EFSD.*

KAPITOLU II
FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI

Artikolu 3

Skop

1. L-iskop tal-EFSD bħala pakkett finanzjarju integrat, **li jforni** kapaċità tal-finanzjament fil-forma ta' għotjiet, garanziji u strumenti finanzjarji oħrajn lill-kontropartijiet eliġibbli, **għandu jkun li jappoġġja** l-investimenti u aċċess akbar għall-finanzjament, **primarjament fl-Afrika u l-pajjiżi tal-viceinat Ewropew, sabiex jappoġġja żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli u inklużiv u jippromovi r-reżiljenza soċjoekonomika tal-pajjiżi sħab, inklużi, meta jkun xieraq, fil-kuntest tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-Qafas Ġdid ta' Sħubija mal-Pajjiżi Terzi fil-qafas tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, b'enfasi partikolari fuq it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, il-ħolqien ta' impjiegi deċenti, iż-żgħażaġh u n-nisa, is-setturi soċjoekonomiċi u l-intrapriżi mikro, żgħar u medji, filwaqt li jimmassimizza l-addizzjonalità, irendi prodotti innovattivi u jattira l-finanzjament mis-settur privat.**

2. **L-EFSD għandu jkun iggwidat mill-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (Trattat UE) u mill-objettiv tal-politika tal-Unjoni ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp stabbiliti fl-Artikolu 208 tat-TFUE u mill-prinċipji maqbulin internazzjonalment dwar l-effettività tal-iżvilupp. Huwa għandu jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030, b'mod partikolari l-qerda tal-faqar u, meta jkun xieraq, jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea għall-Viċinat, sabiex b'hekk jindirizza l-kawżi soċjoekonomiċi speċifiċi tal-migrazzjoni u jrawwem riintegrazzjoni sostenibbli tal-migranti li jirritornaw fil-pajjiżi tal-oriġini tagħhom, filwaqt li jsaħħaħ il-komunitajiet ta' tranżitu u dawk ospitanti.**
3. **L-EFSD għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi billi jidderieġi wkoll l-investimenti għas-setturi li jippromwovu l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.**
4. **L-EFSD għandu jkun konsistenti mal-objettivi stabbiliti fl-istrumenti ta' finanzjament estern stabbiliti permezz tar-Regolamenti (UE) 2014/232, (UE) 2014/233, u r-Regolament dwar il-FEŻ (UE) 2015/323 u mal-prijoritajiet li jinsabu fil-programmi nazzjonali jew reġjonali u fid-dokumenti ta' strateġija, meta jkun disponibbli.**

Artikolu 4
Struttura tal-EFSD

1. L-EFSD għandu jkun magħmul minn pjattaformi ta' investiment reġjonali, ***stabbiliti fuq il-bażi tal-metodi ta' ħidma, il-proċeduri u l-istrutturi tal-faċilitajiet esterni*** ta' taħlit eżistenti ***tal-Unjoni u li għandhom jikkombinaw l-operazzjonijiet ta' taħlit tagħhom*** mal-Garanzija tal-EFSD.

2. Il-ġestjoni tal-EFSD għandha tiġi żgurata mill-Kummissjoni. ***Il-Kummissjoni għandha taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BEI appoġġjata mill-kontropartijiet eliġibbli l-oħra fir-rigward tal-ġestjoni operattiva tal-Garanzija tal-EFSD. Għal dak il-għan, għandu jiġi stabbilit grupp ta' assistenza teknika dwar il-Garanzija.***

Artikolu 5

Il-bord strateġiku tal-EFSD

1. Fil-ġestjoni tal-EFSD, il-Kummissjoni għandha ***tingħata pariri*** minn bord strateġiku.
2. ***Il-bord strateġiku għandu jagħti parir lill-Kummissjoni dwar l-orjentamenti u l-prijoritajiet strateġiċi ta' investimenti tal-Garanzija tal-EFSD u jikkontribwixxi għall-allinjament tagħhom mal-prinċipji gwida u l-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, il-politika tal-viceinat u tal-iżvilupp, kif ukoll mal-iskop tal-EFSD kif stabbilit fl-Artikolu 3. Hu għandu wkoll jappoġġja lill-Kummissjoni fl-iffissar tal-miri ta' investiment globali fir-rigward tal-użu tal-Garanzija tal-EFSD u jimmonitorja kopertura ġeografika u tematika adegwata u diversifikata għat-twieqi ta' investiment, filwaqt li jagħti attenzjoni speċjali lill-pajjiżi li jiġu identifikati li qed jesperjenzaw fraġilità jew kunflitt, il-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-pajjiżi fqar b'dejn għoli.***

3. Il-bord strateġiku għandu jappoġġja wkoll il-koordinazzjoni, **il-komplementarjetà** u l-koerenza ġenerali bejn il-pjattaformi ta' investment reġjonali, **bejn it-tliet pilastru tal-PIE, bejn il-PIE u l-isforzi l-oħra tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni u dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, kif ukoll mal-istrumenti ta' finanzjament estern u l-fondi fiduċjarji rilevanti tal-Unjoni, kif ukoll mal-operazzjonijiet b'mandat ta' self estern ġestiti mill-BEI, inklużi l-inizjattiva ta' reżiljenza tal-BEI u l-Faċilità ta' Investiment tal-AKP, mingħajr preġudizzju għar-regoli interni ta' governanza tal-BEI.**

4. Il-bord strateġiku għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli ■ tal-Istati Membri kollha u tal-BEI. **Il-Parlament Ewropew għandu jkollu status ta' osservatur. Il-kontributori, il-kontropartijiet eliġibbli, il-pajjiżi sħab, l-organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti u partijiet ikkonċernati oħra, ■ jistgħu jingħataw status ta' osservaturi, meta jkun xieraq. Il-bord strateġiku għandu jiġi kkonsultat qabel l-inklużjoni ta' kwalunkwe osservatur ġdid.** Il-bord strateġiku għandu jkun kopresedut mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli.

5. *Il-bord strateġiku għandu jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena u, meta jkun possibbli, jadotta opinjonijiet b'kunsens. Laqgħat addizzjonali jistgħu jiġu organizzati fi kwalunkwe ħin mill-president jew fuq talba ta' terz tal-membri tiegħu. F'każ li ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, filwaqt li jittieħed kont dovut tas-sors ta' finanzjament, għandhom japplikaw id-drittijiet tal-vot kif maqbul matul l-ewwel laqgħa tal-bord strateġiku u stipulati fir-regoli ta' proċedura tiegħu. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jistabbilixxu qafas rigward ir-rwol tal-osservaturi. Il-minuti u l-aġendi tal-laqgħat tal-bord strateġiku għandhom ikunu pubbliċi, wara li jiġu adottati.*
6. *Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-bord strateġiku dwar il-progress li jkun sar. Il-bord strateġiku għandu jorganizza regolarment konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar l-orjentazzjoni u l-implimentazzjoni tal-EFSD.*
7. *Matul il-fażi ta' implimentazzjoni tal-EFSD, il-bord strateġiku għandu, mill-aktar fis possibbli, jadotta u jippubblika linji gwida li jstabbilixxu kif għandha tiġi żgurata l-konformità tal-operazzjonijiet tal-EFSD mal-oġettivi u l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti fl-Artikolu 8.*
8. *Fil-gwida strateġika tiegħu, il-bord strateġiku għandu jqis ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u d-deċiżjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Kunsill li huma rilevanti.*

Artikolu 5a
Bordijiet operattivi reġjonali

Kull pjattaforma ta' investiment reġjonali għandu jkollha bord operattiv. Il-bordijiet operattivi għandhom jappoġġjaw lill-Kummissjoni fid-definizzjoni tal-miri ta' investiment reġjonali u settorjali, u tat-twieqi ta' investiment reġjonali, settorjali u tematiċi u għandhom jifformulaw opinjonijiet dwar l-operazzjonijiet ta' taħlit u dwar l-użu tal-Garanzija tal-EFSD.

KAPITOLU III
IL-GARANZIJA TAL-EFSD U L-FOND TA' GARANZIJA TAL-EFSD

Artikolu 6
Il-Garanzija tal-EFSD

1. L-Unjoni, *wara kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-vijabilità ta' proġett*, għandha ttipprovdi garanzija irrevokabbli u mingħajr kundizzjonijiet fuq l-ewwel talba lill-kontroparti eliġibbli għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment koperti minn dan ir-Regolament u li jibdew fil-pajjiżi sħab Afrikani u tal-Viċinat.
- 1a. Il-Garanzija tal-EFSD għandha tappoġġja l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment li, b'mod partikolari:*
2. Il-garanzija tal-EFSD għandha tingħata bħala garanzija fuq l-ewwel talba fir-rigward tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 9 u f'konformità mal-kriterji tal-eliġibilità msemmija fl-Artikolu 8.

Artikolu 7

Rekwiżiti għall-użu tal-Garanzija tal-EFSD

1. L-għoti tal-garanzija tal-EFSD għandu jkun soġġett għall-konklużjoni tal-ftehim ta' garanzija rispettiv tal-EFSD bejn il-Kummissjoni f'isem l-Unjoni u l-kontroparti eliġibbli.
2. Il-perjodu ta' investiment ■ li matulu l-ftehimiet ta' garanzija tal-EFSD li jappoġġjaw l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment jistgħu jiġu konklużi mal-kontropartijiet eliġibbli għandu jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2020.
3. Il-perjodu massimu permess għall-kontropartijiet eliġibbli sabiex jikkonkludu ftehimiet **mas-sħab ta' kofinanzjament mis-settur privat**, mal-intermedjarji finanzjarji jew mal-benefiċjarji finali għandu jkun ta' erba' snin wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' garanzija rilevanti.

Artikolu 8

Kriterji ta' eliġibiltà għall-użu tal-Garanzija tal-EFSD

1. L-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment eliġibbli għal appoġġ permezz tal-Garanzija tal-EFSD ***f'konformità mal-fini tal-EFSD kif previst fl-Artikolu 3*** għandhom ikunu konsistenti u allinjati mal-linji politiċi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-linji politiċi tal-Unjoni dwar l-iżvilupp u l-viċinat, ***kif ukoll mal-istrategġiji*** u l-linji politiċi tal-pajjiżi sħab. ***Tali operazzjonijiet għandhom iqisu appoġġ ieħor internazzjonali u tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-komplementarjetà ma' inizjattivi oħra u għandhom jappoġġjaw l-oġettivi li ġejjin:***
 - (a) jikkontribwixxu ***għall-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjoni ekonomika, soċjali u ambjentali tiegħu, u għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u, meta jkun xieraq, għall-Politika Ewropea tal-Viċinat***, b'enfasi partikolari fuq ***il-qerda tal-faqar, il-ħolqien ta' impjiegi diċenti, opportunitajiet ekonomiċi, hillet u l-intraprenditorija, billi jippromwovu b'mod partikolari l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u taż-żgħażaġh, filwaqt li jsegwu u jsaħħu l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem;***

- (aa) *jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni, inkluż, meta jkun xieraq, il-Qafas Ġdid ta' Sħubija mal-Pajjiżi Terzi;*
- (ab) *jikkontribwixxu, permezz tal-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, biex jindirizzaw il-kawżi speċifiċi fl-għeruw tal-migrazzjoni, inkluża l-migrazzjoni irregolari, kif ukoll irawmu r-reżiljenza tal-komunitajiet ta' tranżitu u daww ospitanti, u jikkontribwixxu għar-riintegrazzjoni sostenibbli tal-migranti li jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, b'konsiderazzjoni dovuta lit-tisħiħ tal-istat tad-dritt, il-governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem;*
- (b) *isaħħu s-setturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari l-infrastruttura pubblika u privata, inklużi l-enerġija rinovabbli u sostenibbli, l-ilma u l-ġestjoni tal-iskart, it-trasport, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, kif ukoll l-ambjent, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, l-agrikoltura sostenibbli u t-tkabbir blu, l-infrastruttura soċjali, is-saħħa u l-kapital uman, sabiex itejbu l-ambjent soċjoekonomiku;*
- (c) *jipprovdu finanzjament u appoġġ għall-iżvilupp tas-settur privat u tal-kooperattivi, b'enfasi partikolari fuq il-kumpaniji lokali u l-intrapriżi mikro, żgħar u medji filwaqt li jindirizzaw il-fallimenti tas-suq u jillimitaw id-distorsjonijiet tas-suq u jħeġġu l-kontribuzzjoni ta' kumpaniji Ewropej għall-objettivi tal-EFSD;*

- (d) jindirizzaw l-ostakoli għall-investimenti privati **billi jipprovdu strumenti finanzjarji**, inklużi garanziji kontra l-ewwel telf sa garanziji għall-portafolli għal proġetti fis-settur privat, bħal garanziji għal self għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u garanziji għal riskji speċifiċi għal proġetti ta' infrastruttura u kapital ta' riskju ieħor; ***l-istrumenti finanzjarji pprovduti jistgħu jkunu denominati fil-valuta lokali tal-pajjiż sieħeb ikkonċernat;***
- (e) ***jingranaw il-finanzjament*** fis-settur privat, ***b'enfasi partikolari fuq l-intrapriżi mikro, żgħar u medji***, billi jindirizzaw l-ostakoli għall-investment;
- (ea) ***jikkontribwixxu għall-azzjoni fir-rigward tal-klima u l-protezzjoni u l-ġestjoni tal-ambjent, biex b'hekk jinħolqu kobenefiċċji klimatiċi, billi jallokaw mill-anqas 28 % tal-finanzjament għall-investimenti li jikkontribwixxu għall-azzjoni fir-rigward tal-klima, għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza fir-riżorsi.***

2. Il-Garanzija tal-EFSD għandha tappoġġja l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investment li ***jindirizzaw il-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investment subottimali u li:***

- (a) jipprovdu addizzjonalità;
- (aa) ***jiżguraw il-komplementarjetà ma' inizjattivi oħra, filwaqt li jiżguraw li l-operazzjonijiet sostnuti mill-garanzija tal-EFSD jkunu distinti b'mod ċar, b'mod partikolari mill-mandat għall-operazzjonijiet ta' self estern ġestiti mill-BEI;***

- (b) jiżguraw l-allinjament tal-interess billi jipprovdu kondiviżjoni adegwata tar-riskji mill-kontroparti eliġibbli rispettiva u minn sħab prospettivi oħrajn;
- (c) ikunu ekonomikament u finanzjarjament vijabbli, ***b'kont dovut tal-appoġġ*** possibbli u l-kofinanzjament mis-sħab pubbliċi u privati fil-proġett, ***filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet speċifiċi operattivi u l-kapaċitajiet tal-pajjiżi identifikati bħala li għaddejjin minn fraġilità jew kunflitt, il-pajjiżi l-anqas żviluppatti u l-pajjiżi fqar b'ħafna dejn, li jistgħu jingħataw termini aktar aġevoli;***
- (d) ikunu teknikament vijabbli u sostenibbli minn perspettiva soċjali u ambjentali; kif ukoll
- (e) jimmassimizzaw, ***meta jkun possibbli***, il-mobilizzazzjoni tal-kapital tas-settur privat;
- (ea) ***jirrispettaw il-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp kif stabbilit fis-Sħubija ta' Busan għal kooperazzjoni effettiva għall-iżvilupp u affermata mill-ġdid f'Najrobi f'Diċembru 2016, inklużi s-sjeda, l-allinjament, l-enfasi fuq ir-riżultati, it-trasparenza u r-responsabilità reċiproka, kif ukoll l-oġettiv tan-nonkundizzjonalità tal-għajnuna;***

- (eb) ikunu maħsuba sabiex jissodisfaw il-kriterji tal-ODA stabbiliti mill-Kumitat ta' Ghajjnuna għall-Iżvilupp tal-OECD, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ispeċifitàjiet tal-iżvilupp tas-settur privat; kif ukoll*
- (ec) ikunu implimentati b'rispett sħiħ ta' linji gwida, prinċipji u konvenzjonijiet, li hemm qbil dwarhom fuq livell internazzjonali, inklużi l-Prinċipji għall-Investment Responsabbli tan-NU, il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, il-Linji Gwida għall-Intrapriżi Multinazzjonali tal-OECD, u l-Prinċipji għal Investment Responsabbli fis-Sistemi Agrikoli u Alimentari tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU, u l-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, kif ukoll id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;*
3. Fuq bażi ta' każ b'każ, *l-operazzjonijiet jistgħu jinkludu* finanzjament ■ minn strumenti differenti tal-Unjoni *sakemm ikun meħtieġ għas-suċċess tal-proġett ta' investment appoġġjat mill-EFSD u sakemm dan ma jwassalx għal finanzjament imnaqqas għal objettivi ta' żvilupp oħra.*

4. ***Filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-parir ipprovdut mill-bord strateġiku, wara konsultazzjoni mal-bordijiet operattivi u wara li tinforma lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, il-Kummissjoni għandha*** tiddefinixxi t-twieqi ta' investiment għal reġjuni jew pajjiżi sħab speċifiċi, jew għat-tnejn, għal setturi speċifiċi, għal proġetti speċifiċi jew għal kategoriji speċifiċi ta' benefiċjarji finali, jew għat-tnejn, li jridu jiġu ffinanzjati mill-istrumenti msemmija fl-Artikolu 9, li għandhom ikunu koperti mill-Garanzija tal-EFSD sa ammont fiss. ***L-informazzjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom*** jispesifikaw kif it-twieqi ta' investiment huma allinjati mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 3 u 8 u l-prijoritajiet dettaljati ta' finanzjament tagħhom. ***Il-BEI għandu jipprovd*** opinjoni bil-miktub dwar kwistjonijiet bankarji relatati ma' kull proposta għal twieqi ta' investiment. It-talbiet kollha għal appoġġ finanzjarju fi ħdan it-twieqi ta' investiment għandhom isiru lill-Kummissjoni.

L-għażla ta' twieqi ta' investiment għandha tkun debitament ġustifikata b'analiżi tal-falliment tas-suq jew ta' sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali. Tali analiżi għandha titwettaq mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-kontropartijiet u l-partijiet ikkonċernati potenzjalment eliġibbli.

Fi ħdan il-Pjattaforma ta' Investiment għall-Afrika, sehem sinifikanti tal-Garanzija tal-EFSD għandu jiġi allokat lil pajjiżi fraġli u milquta minn kunflitti, pajjiżi mdawrin bl-art u l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati.

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-operazzjonijiet appoġġjati l-garanzija tal-EFSD fid-dawl tal-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti fl-Artikolu 8(1) u 8(2), u meta jkun possibbli tibbaża ruħha fuq is-sistemi eżistenti għall-kejl tar-riżultati tal-kontropartijiet eliġibbli. Hija għandha tippubblika r-riżultat tal-valutazzjoni tagħha għal kull tieqa ta' investiment fuq bażi annwali.

Artikolu 9

Strumenti eliġibbli għall-Garanzija tal-EFSD

1. Il-Garanzija tal-EFSD għandha tintuża sabiex tkopri r-riskji għall-istrumenti li ġejjin:
 - (a) self, *inkluż self fil-valuta lokali*;
 - (b) garanziji;
 - (c) kontrogaranziji;
 - (d) strumenti tas-suq tal-kapital;
 - (e) kwalunkwe forma oħra ta' finanzjament jew titjib tal-kreditu, *assigurazzjoni*, parteċipazzjoni f'ekwità jew kważi ekwità.

2. L-istrumenti elenkati fil-paragrafu l jistgħu jiġu pprovduti minn kontropartijiet eliġibbli taħt tieqa ta' investiment jew proġett individwali amministrat minn kontroparti eliġibbli. Jistgħu jiġu pprovduti għall-benefiċċju ta' pajjiżi sħab, inkluż pajjiżi fraġli jew affettwati minn konflitt ***jew li qed jiffaċċjaw sfidi fir-rikostruzzjoni u l-irkupru wara konflitt***, u l-istituzzjonijiet ta' dawn il-pajjiżi sħab, inklużi l-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji lokali privati u nazzjonali pubbliċi tagħhom, kif ukoll l-entitajiet fis-settur privat ta' ***dawn*** il-pajjiżi sħab. ***F'pajjiżi fraġli u affettwati minn konflitt, kif ukoll f'pajjiżi oħra, meta jkun ġustifikat, jista' jingħata appoġġ lill-investimenti tas-settur pubbliku li jkollhom effetti rilevanti fuq l-iżvilupp tas-settur privat.***

Artikolu 10

L-eliġibilità u l-għażla tal-kontropartijiet

1. Għall-finijiet tal-Garanzija tal-EFSD, il-kontropartijiet eliġibbli għandhom ikunu:
 - (a) il-Bank Ewropew tal-Investment u l-Fond Ewropew tal-Investment;
 - (b) korpi rregolati bil-liġi pubblika;
 - (c) organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom;
 - (d) korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku, sakemm ikunu jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
 - (e) korpi rregolati bil-liġi privata ta' Stat Membru, li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati, permezz ta' deroga mill-Artikolu 58(1)(c)(vii) tar-Regolament (UE) Nru 966/2012
 - (f) korpi rregolati bil-liġi privata ta' pajjiż sieħeb, li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati, permezz ta' deroga mill-Artikolu 58(1)(c)(vii) tar-Regolament (UE) Nru 966/2012.

2. Il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jikkonformaw mar-regoli u l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 60 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. ***Għal korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru jew pajjiż sieħeb, għandha tingħata preferenza lil daww l-offerti li jipprovdu żvelar ta' informazzjoni relatata mal-kriterji Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza Korporattiva kriterji ambjentali, soċjali u ta' gveranza korporattiva.***

Il-garanzija għandha tiġi implimentata kull meta possibbli taħt it-tmexxija ta' kontroparti eliġibbli Ewropea, fuq il-linja tal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm użu effikaċi, effiċjenti u ekwu tar-riżorsi disponibbli fost il-kontropartijiet eliġibbli, filwaqt li tippromwovi l-kooperazzjoni bejniethom.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura t-trattament ekwu għall-kontropartijiet eliġibbli kollha u għandha tiżgura li l-kunflitti ta' interess jiġu evitati matul l-istadji kollha tal-implimentazzjoni tal-EFSD. Sabiex tiżgura l-komplementarjetà, il-Kummissjoni tista' titlob kwalunkwe informazzjoni rilevanti mill-kontropartijiet eliġibbli dwar l-operazzjonijiet tagħhom li mhumiex tal-EFSD.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħżel il-kontropartijiet eliġibbli skont l-Artikolu 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

- 3a. ***Il-kontropartijiet eliġibbli jistgħu jiġu mistiedna għal skambju ta' fehmiet mill-Parlament Ewropew jew il-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment koperti minn dan ir-Regolament.***

Artikolu 11

Il-kopertura u t-termini tal-ftehimiet tal-garanzija tal-EFSD

1. Il-Garanzija tal-EFSD ma għandhiex, f'ebda ħin, taqbeż l-ammont ta' EUR 1 500 000 000, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2.
2. L-Istati Membri **u l-pajjiżi tal-EFTA** jistgħu jikkontribwixxu għall-Fond ta' Garanzija tal-EFSD fil-forma ta' garanziji jew flus kontanti. Soġġetti **għall-opinjoni tal-bord strateġiku u l-approvazzjoni** tal-Kummissjoni, kontributori oħrajn jistgħu jikkontribwixxu fil-forma ta' flus kontanti.

L-ammont tal-Garanzija li jaqbeż l-ammont indikat fil-paragrafu 1 għandu jingħata f'isem l-Unjoni.

Il-pagamenti netti aggregati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni taħt il-Garanzija tal-EFSD ma għandhomx jaqbeż l-EUR 1 500 000 000. Il-pagamenti għall-garanzija għandhom isiru, meta jkun meħtieġ, mill-Istati Membri kontributori jew minn kontributori oħrajn fuq bażi pari passu mal-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4.

Għandu jiġi konkluż ftehim ta' kontribuzzjoni bejn il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, u l-kontributor, li għandu jinkludi, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet tal-pagamenti.

3. Il-Garanzija tal-EFSD għandha ssir disponibbli biss meta tkun ġiet ikkonfermata kontribuzzjoni fi flus kontanti ta' EUR 400 000 000 mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ)¹³ għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

L-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu għall-Garanzija tal-EFSD fil-forma ta' garanziji jew flus kontanti.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill *mingħajr dewmien* dwar il-kontribuzzjonijiet ikkonfermati.

4. Il-kontribuzzjonijiet magħmula mill-Istati Membri fil-forma ta' garanzija jistgħu jintalbu biss għat-talbiet għal ħlasijiet ta' garanzija wara li l-finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, miżjud bi kwalunkwe kontribuzzjonijiet oħrajn fi flus kontanti, ikun intuża fuq it-talbiet għal ħlasijiet ta' garanzija.

Fuq talba tal-Istati Membri *fil-bord strateġiku*, il-kontribuzzjonijiet magħmula minnhom jistgħu jiġu assenjati għall-bidu ta' proġetti f'reġjuni, pajjiżi, setturi speċifiċi jew twieqi ta' investiment *eżistenti*.

Kwalunkwe kontribuzzjoni tista' tintuża biex tkopri t-talbiet għall-ħlas ta' garanzija, irrispettivament mill-assenjazzjoni.

¹³ Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajjnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-ftehim ta' sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1).

5. Għandhom jiġu allokati mill-inqas EUR 400 000 000 tal-kopertura tal-Garanzija tal-EFSD għal investimenti fil-pajjiżi sħab eliġibbli skont il-11-il FEŻ matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Garanzija tal-EFSD, ***f'konformità mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou.***
- 5a. Mill-inqas EUR 100 000 000 tal-kopertura tal-Garanzija tal-EFSD għandhom jiġu allokati għal investimenti fil-pajjiżi sħab mill-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.***

Artikolu 12

Implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' Garanzija tal-EFSD

1. Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, għandha tikkonkludi ftehimiet ta' garanzija tal-EFSD mal-kontropartijiet eliġibbli magħżula skont l-Artikolu 10 u l-paragrafu 4, fuq l-għoti tal-Garanzija tal-EFSD, li għandha tkun mingħajr kundizzjonijiet, irrevokabbli, fuq l-ewwel talba u favur il-kontroparti eliġibbli magħżula.
2. Għandhom jiġu konklużi ftehim ta' garanzija wieħed jew aktar għal kull tieqa ta' investiment bejn il-Kummissjoni u l-kontroparti jew kontropartijiet eliġibbli magħżula. Sabiex jiġu indirizzati ħtiġijiet speċifiċi, il-Garanzija tal-EFSD tista' tingħata għal operazzjonijiet ta' finanzjament jew investiment individwali. Il-ftehimiet jistgħu jiġu konklużi ma' konsorzju ta' żewġ kontropartijiet eliġibbli jew aktar.

Il-ftehimiet ta' garanzija kollha għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq talba, filwaqt li jittieħed kont tal-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva.

3. Il-ftehimiet ta' garanzija għandhom jinkludu, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet dwar dawn li ġejjin:
- (a)regoli dettaljati dwar l-għoti tal-Garanzija tal-EFSD, inklużi l-arranġamenti tagħha dwar il-kopertura u l-kopertura definita tagħha ta' portafolji u ta' proġetti ta' tipi speċifiċi ta' strumenti, *kif ukoll analiżi ta' riskju tal-proġett u l-portafoll, inkluż fil-livell settorjali, reġjonali u nazzjonali;*
 - (aa) *l-objettivi u l-iskop ta' dan ir-Regolament, valutazzjoni tal-ħtiġijiet u indikazzjoni tar-riżultati mistennija, b'kont meħud tal-promozzjoni tar-responsabilità soċjali korporattiva u tal-kondotta responsabbli tal-impriżi anke, b'mod partikolari permezz tar-rispett tal-linji gwida, il-prinċipji u l-istrumenti ġuridiċi kollha miftiehma fuq livell internazzjonali msemmija fl-Artikolu 8(2)(ec).*
 - (b) ir-rimunerazzjoni tal-garanzija, *li għandha tirrifletti l-livell tar-riskju; għandu jkun possibbli li r-rimunerazzjoni tkun parzjalment issussidjata sabiex jingħataw termini aktar aġevoli, f'każijiet debitament ġustifikati, b'mod partikolari fil-pajjiżi msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 8(2);*

- (c) ir-rekwiżiti għall-użu tal-Garanzija tal-EFSD, inklużi l-kundizzjonijiet tal-pagamenti, bħat-termini ta' żmien speċifiċi, l-imgħax li jrid jitħallas fuq l-ammonti dovuti, l-infiq u l-ispejjeż tal-irkupru u, possibbilment, l-arranġamenti meħtieġa b'rabta mal-likwidità;
 - (d) ***il-proċeduri tat-talbiet, inklużi iżda mhux limitat għal avvenimenti skattaturi u perjodi ta' stennija; u*** d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri li jirrigwardaw l-irkupru tal-pretensjonijiet;
 - (e) id-dispożizzjonijiet rigward l-obbligi ta' monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni skont l-Artikoli 15 u 16.
- (ea) proċeduri ta' lmenti ċari aċċessibbli għal partijiet terzi li jistgħu jiġu affettwati mill-implimentazzjoni ta' proġetti tal-Garanzija tal-EFSD.***

4. Il-Kummissjoni, ***meta tikkonkludi*** ftehimiet ta' garanzija mal-kontropartijiet eliġibbli, għandha tiegħu kont dovut ta':

(-aa) il-parir u l-gwida tal-bordijiet, f'konformità mal-Artikoli 4 u 5;

- (a) l-oġettivi tat-tieqa tal-investment;
- (b) l-esperjenza, ***il-kapaċità*** operattiva, finanzjarja ***u ta' ġestjoni tar-riskji*** tal-kontroparti;
- (c) l-ammont ta' riżorsi proprji ***kif ukoll ta' kofinanzjament mis-settur privat*** li l-kontroparti lesta timmobilizza għat-tieqa tal-investment.

5. L-approvazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment għandha ssir mill-kontroparti eliġibbli skont ir-regoli u l-proċeduri tagħha stess u f'konformità mat-termini tal-ftehim ta' garanzija.
6. Il-Garanzija tal-EFSD tista' tkopri:
 - (a) għall-istrumenti tad-dejn, il-kapital u l-imgħax kollu u l-ammonti dovuti lill-kontroparti eliġibbli magħżula, iżda li din ma tkunx irċeviet f'konformità mat-termini tal-operazzjonijiet ta' finanzjament wara li jkun seħħ avveniment ta' inadempjenza;
 - (b) għall-investimenti ta' ekwità, l-ammonti investiti u l-ispejjeż ta' finanzjament assoċjati magħhom;
 - (c) għal operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment oħrajn imsemmija fl-Artikolu 8(2), l-ammonti użati u l-ispejjeż ta' finanzjament assoċjati magħhom;
 - (d) l-infiq u l-ispejjeż ta' rkupru rilevanti kollha relatati ma' avveniment ta' inadempjenza, sakemm ma jkunux tnaqqsu mir-rikavati tal-irkupru.
7. Il-ftehimiet tal-garanzija għandhom jistabbilixxu regoli dettaljati dwar il-kopertura, ir-reqwiziti, l-eliġibilità, il-kontropartijiet eliġibbli u l-proċeduri.

Artikolu 13

Il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD

1. Il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD għandu jikkostitwixxi marġini ta' likwidità li minnu għandhom jitħallsu l-kontropartijiet eliġibbli fil-każ ta' talba għall-ħlas ta' Garanzija tal-EFSD skont il-ftehim ta' garanzija tal-EFSD rilevanti.

2. Il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD għandu jkun mogħni bi:
 - (a) kontribuzzjonijiet mill-baġit ġenerali tal-Unjoni u sorsi oħrajn;
 - (b) kontribuzzjonijiet *volontarji* mill-Istati Membri u minn kontributori oħrajn;
 - (c) redditi fuq ir-riżorsi investiti tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD;
 - (d) ammonti rkuprati minn debituri inadempjenti f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' rkupru stabbiliti fil-ftehimiet tal-garanzija;
 - (e) dħul u kwalunkwe pagament ieħor li l-Unjoni tirċievi f'konformità mal-ftehimiet tal-garanzija.

3. Id-dħul tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD, kif previst fil-punti (c) u (e) tal-paragrafu 2, għandu jikkostitwixxi dħul assenjat intern f'konformità mal-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.
4. Ir-riżorsi tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu ġestiti direttament mill-Kummissjoni u investiti f'konformità mal-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja soda u għandhom isegwu regoli prudenzjali xierqa. ***Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, sat-30 ta' Ġunju 2019, evalwazzjoni esterna indipendenti tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-għoti tal-ġestjoni finanzjarja tal-assi tal-fond ta' garanzija għal azzjonijiet esterni u tal-fond Ewropew għall-iżvilupp sostenibbli lill-Kummissjoni, il-BEI, jew lit-tnejn, b'kont meħud tal-kriterji tekniċi u istituzzjonali rilevanti użati fit-tqabbil ta' servizzi ta' ġestjoni ta' assi, inklużi l-infrastruttura teknika, it-tqabbil ta' spejjeż għas-servizzi mogħtija, il-qafas istituzzjonali, ir-rappurtar, il-prestazzjoni, il-kontabilità u l-kompetenzi ta' kull istituzzjoni u l-mandati tal-ġestjoni ta' assi oħra għall-Baġit tal-UE. L-evalwazzjoni għandha, meta jkun xieraq, tiġi akkumpanjata minn proposta leġiżlattiva.***
5. Il-kontribuzzjonijiet għall-Fond ta' Garanzija tal-EFSD għandhom jintużaw biex jintlaħaq livell xieraq ta' proviżjonament bil-għan li jkopri l-obbligi totali tal-Garanzija tal-EFSD. Ir-rata ta' proviżjonament għandha tkun 50 % tal-obbligi totali tal-Garanzija tal-EFSD koperti mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.
6. B'segwitu għal valutazzjoni tal-adeqwatezza tal-livell tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD f'konformità mar-rapport previst skont l-Artikolu 15(3), għandhom isiru l-pagamenti li ġejjin:
 - (a) ***mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu***, kwalunkwe bilanċ pożittiv għandu jitħallas lill-baġit ġenerali tal-Unjoni;
 - (b) kwalunkwe rikostituzzjoni tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD għandha titħallas f'somom annwali fuq perjodu massimu ta' 3 snin li jibda mis-sena n+1.

7. Mill-1 ta' Jannar 2021, jekk, bħala rizzultat tat-talbiet għall-ħlas tal-Garanzija tal-EFSD, il-livell ta' rizzorsi fil-Fond ta' Garanzija jaqa' taħt il-50 % tar-rata ta' provizzjonament imsemmija fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport:

(a) il-kawża tan-nuqqas, bi spjegazzjonijiet dettaljati; u

(b) meta jitqies li jkun neċessarju, kwalunkwe miżura eċċezzjonali li tista' tkun meħtieġa sabiex talimenta l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD.

8. Wara talba għall-ħlas tal-Garanzija tal-EFSD, il-kontribuzzjonijiet għall-Fond ta' Garanzija tal-EFSD previsti fil-punti (c), (d) u (e) tal-paragrafu 2 li jeċċedu r-rizzorsi meħtieġa sabiex tintlaħaq ir-rata ta' provizzjonament fil-livell imsemmi fil-paragrafu 5 **jew kwalunkwe bilanċ pożittiv previst fil-punt (a) tal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu** għandhom **l-ewwel** jintużaw fil-limiti tal-perjodu **massimu** previst fl-Artikolu 7(3) sabiex il-Garanzija tal-EFSD terġa' lura għall-ammont inizjali tagħha.

Artikolu 14

Finanzjament tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD mill-baġit ġenerali tal-Unjoni

Għandha tiġi pprovduta kontribuzzjoni ta' EUR 350 000 000 mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

KAPITOLU IV
RAPPORTAR, KONTABILITÀ U EVALWAZZJONI

Artikolu 15

Rapportar u kontabilità

1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjoni ta' finanzjament u investiment koperta mill-Garanzija tal-EFSD. Dan ir-rapport għandu jsir pubbliku. Huwa għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

(-aa) valutazzjoni tar-risultati li jikkontribwixxu għall-għanijiet u l-miri stipulati fl-Artikolu 3 u l-Artikolu 8(1) u (2);

(a) valutazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment fil-livell operattiv u koperti mill-Garanzija tal-EFSD, fil-livelli settorjali, nazzjonali u reġjonali u l-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament, ***inklużi l-miżuri ta' riskju u l-impatt tagħhom fuq l-istabilità finanzjarja u ekonomika tas-sħab;***

(b) valutazzjoni, ***fuq il-bażi ta' indikaturi previsti previsti fl-Artikolu 8(4a), tal-addizzjonalità u*** tal-valur miżjud, il-mobilizzazzjoni tar-risorsi tas-settur privat, il-prestazzjonijiet stmati u reali u r-risultati u l-impatt tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment koperti mill-Garanzija tal-EFSD fuq bażi aggregata, inkluż l-impatt fuq il-ħolqien tal-impjiegi ***diċenti, il-qerda tal-faqar u fuq il-mod li bih jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni, inkluża l-immigrazzjoni irregolari; din il-valutazzjoni għandha tinkludi analiżi tal-ġeneru tal-operazzjonijiet koperti bbażata fuq evidenza u data diżaggregata skont il-ġeneru fejn ikun possibbli;***

- (c) valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti dwar l-użu tal-Garanzija tal-EFSD u mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni stabbiliti għal kull proposta sottomessa;
- (d) valutazzjoni tal-effett ta' lieva miksub mill-operazzjonijiet koperti mill-Garanzija tal-EFSD;
- (e) l-ammont finanzjarju ttrasferit lill-benefiċjarji u valutazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment minn kull kontroparti fuq bażi aggregata;
- (f) valutazzjoni ***tal-addizzjonalità*** u tal-valur miżjud tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-kontropartijiet eliġibbli, u tar-riskju aggregat assoċjat ma' dawg l-operazzjonijiet;
- (g) informazzjoni dettaljata dwar it-talbiet għall-ħlas tal-Garanzija tal-EFSD, it-telf, il-qligħ, l-ammonti rkuprati u kwalunkwe pagamenti oħrajn riċevuti, ***kif ukoll l-espożizzjoni ġenerali għar-riskji***;

- (h) ir-rapporti finanzjarji dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-kontropartijiet eliġibbli koperti minn dan ir-Regolament u vverifikati minn awditur estern indipendenti;
- (ħa) valutazzjoni tas-sinerġiji u l-komplementarjetà bejn l-operazzjonijiet koperti mill-Garanzija tal-EFSD u t-tieni u t-tielet pilastru tal-PIE ibbażati fuq ir-rapporti eżistenti għall-istrumenti rilevanti, b'kont meħud, b'mod partikolari, tal-progress li jkun sar fil-qasam tal-governanza tajba, inklużi l-għlieda kontra l-korruzzjoni u l-flussi finanzjarji illeċiti, tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, tal-istat tad-dritt u tal-politiki bl-aspett tal-ġeneru, kif ukoll tat-tisħiħ tal-intraprenditorija, tal-ambjent tan-negozju lokali u tas-swieq finanzjarji lokali;*
- (hb) valutazzjoni tal-konformità tal-operazzjonijiet ta' Garanzija tal-EFSD mal-prinċipji ta' effettività tal-iżvilupp miftiehma fuq livell internazzjonali.*
- (hc) valutazzjoni tar-remunerazzjoni tal-garanziji u tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 20.*

2. Għall-finijiet tal-kontabilità tal-Kummissjoni, tar-rapportar tagħha dwar ir-riskji koperti mill-Garanzija tal-EFSD u tal-ġestjoni minnha tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD, il-kontropartijiet eliġibbli li magħhom ġie konkluż ftehim ta' garanzija għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri kull sena bir-rapporti finanzjarji dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment koperti minn dan ir-Regolament u vverifikati minn awditur estern indipendenti, u jkun fihom, fost l-oħrajn, informazzjoni dwar:
- (a) il-valutazzjoni tar-riskji tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-kontropartijiet eliġibbli, inkluża informazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet tal-Unjoni mkejla f'konformità mar-regoli tal-kontabilità tal-Unjoni stabbiliti mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni abbażi tal-istandards ta' kontabilità aċċettati fuq livell internazzjonali għas-settur pubbliku;
 - (b) l-obbligu finanzjarju pendenti għall-Unjoni, li jirriżulta mill-Garanzija tal-EFSD ipprovduta lill-kontropartijiet eliġibbli u l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tagħhom, diżaggregati skont operazzjonijiet individwali;

Jekk jintalbu, il-kontropartijiet għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni meħtieġa sabiex jissodisfaw l-obbligi tal-Kummissjoni b'rabta ma' dan ir-Regolament.

3. Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri, fil-kuntest tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-Kummissjoni, l-informazzjoni meħtieġa dwar is-sitwazzjoni tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD. Barra minn hekk, sal-31 ta' Mejju ta' kull sena, hija għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri rapport annwali dwar il-ġestjoni tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD matul is-sena kalendarja preċedenti, inkluża valutazzjoni tal-adeqgatezza tal-proviżjonament u l-livell tal-Fond ta' Garanzija u tal-ħtieġa għar-rikostituzzjoni tiegħu.

Ir-rapport annwali għandu jkun fih preżentazzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD fi tmiem is-sena kalendarja preċedenti, il-flussi finanzjarji matul is-sena kalendarja preċedenti, kif ukoll it-tranżazzjonijiet sinifikanti u kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar il-kontijiet finanzjarji. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar il-ġestjoni finanzjarja, il-prestazzjoni u r-riskju tal-fond ta' garanzija fi tmiem is-sena kalendarja preċedenti.

Artikolu 16

Evalwazzjoni u reviżjoni

1. Sal-31 ta' Diċembru **2019**, l-Kummissjoni għandha tevalwa l-funzjonament tal-EFSD, **il-ġestjoni tiegħu u l-kontribut effettiv tiegħu għall-iskop u l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament**. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ir-rapport ta' evalwazzjoni tagħha, li jkun fih evalwazzjoni indipendenti **esterna** tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, **flimkien ma' proposta motivata biex dan ir-Regolament jiġi emendat, kif xieraq, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi estiż il-perjodu ta' investiment inizjali msemmi fl-Artikolu 7(2). Dak ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jkun akkumpanjat minn opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri.**
2. Sal-31 ta' Diċembru **2019** u kull tliet snin wara, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-użu u **l-funzjonament** tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD. Il-Kummissjoni għandha tissottometti r-rapport ta' evalwazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jkun akkumpanjat minn opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri.

KAPITOLU V
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 17

Trasparenza, komunikazzjoni, u divulgazzjoni ta' informazzjoni lill-pubbliku

1. F'konformità mal-linji politiċi dwar it-trasparenza u ***r-regoli*** tal-Unjoni dwar l-aċċess għad-dokumenti u l-informazzjoni ***u l-protezzjoni tad-data***, il-kontropartijiet eliġibbli għandhom ***,proattivamente u sistematikament***, jipubblikaw fuq is-siti web tagħhom informazzjoni relatata mal-operazzjonijiet kollha ta' finanzjament u investiment koperti mill-Garanzija tal-EFSD skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-mod li bih daww l-operazzjonijiet jikkontribwixxu għall-oġettivi u għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. ***Meta jkun possibbli, tali informazzjoni għandha titqassam fil-livell tal-proġett. Tali informazzjoni għandha dejjem tqis il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva.***

2. ***Il-Kummissjoni għandha tippubblika fil-portal web tagħha informazzjoni dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment u l-elementi essenzjali tal-ftehimiet ta' garanzija kollha, inkluża informazzjoni dwar l-identità ġuridika tal-kontropartijiet, il-benefiċċji tal-iżvilupp mistennija u l-proċeduri ta' lmenti f'konformità mal-punt (ea) tal-Artikolu 12(3), filwaqt li titqies il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva.***

3. *Il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jippubbliċizzaw l-appoġġ tal-Unjoni fl-informazzjoni kollha li jippubblikaw dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment koperti mill-garanzija tal-EFSD f'konformità ma' dan ir-Regolament.*
4. *Id-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għandhom jinkludu informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament ipprovduti mill-EFSD fil-komunikazzjoni tagħhom immirata lejn is-soċjetà ċivili u l-pubbliku inġenerali.*

Artikolu 17a

Mekkaniżmu ta' proċessar ta' lmenti u rimedju

Fid-dawl tal-possibiltà ta' ilmenti ta' terzi persuni f'pajjiżi sħab, inkluż ta' komunitajiet u individwi effettwati minn proġetti appoġġjati mill-Garanzija EFSD, il-Kummissjoni u d-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għandhom jippubblikaw fuq is-siti web tagħhom referenzi diretti għall-mekkaniżmi ta' lment tal-kontropartijiet rilevanti li kkonkludew ftehimiet mal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha wkoll ttiprovdi l-possibiltà li tirċievi direttament l-ilmenti relatati mal-ipproċessar ta' ilmenti mill-kontropartijiet eliġibbli. Hija għandha tiegħu inkunsiderazzjoni din l-informazzjoni fid-dawl ta' kooperazzjoni futura ma' dawg il-kontropartijiet.

Artikolu 18

Awditjar mill-Qorti tal-Awdituri

1. L-awditjar estern tal-attivitajiet imwettqa f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jitwettaq mill-Qorti tal-Awdituri f'konformità mal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) **u għalhekk l-attivitajiet huma soġġetti għall-proċedura ta' kwittanza fis-sens tal-Artikolu 319 tat-TFUE.**
2. Għall-fini tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Qorti tal-Awdituri għandha, fuq talba tagħha u f'konformità mal-Artikolu 287(3) tat-TFUE, tingħata aċċess għal kwalunkwe dokument jew informazzjoni li tkun teħtieġ biex twettaq il-kompiti **ta' awditjar tagħha.**

Artikolu 19

Miżuri kontra l-frodi

1. Il-Kummissjoni jew il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jinnotifikaw **immedjatament** lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) ■ meta, fi kwalunkwe stadju tat-tnejjija, tal-implimentazzjoni jew tal-għeluq tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment koperti minn dan ir-Regolament, ikollhom raġunijiet għala jissuspettaw li hemm frodi, korruzzjoni, ħasil ta' flus jew kwalunkwe attività illegali oħra li tista' taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. **Huma għandhom jipprovduha bl-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex titwettaq investigazzjoni sħiħa u bir-reqqa.**

2. L-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispozzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 u fir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni, ħasil ta' flus jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' kwalunkwe operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment koperti minn dan ir-Regolament. L-OLAF jista' jibgħat kwalunkwe informazzjoni miksuba matul il-kors tal-investigazzjonijiet tiegħu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati.

Fejn tali attivitajiet illegali jiġu pprovati, il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jagħmlu sforzi ta' rkupru fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tagħhom koperti minn dan ir-Regolament li huma kkonċernati minn tali attivitajiet, ***u għandhom jipprovdu ukoll l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni possibbli lill-awtoritajiet rilevanti.***

Artikolu 20

Attivitajiet esklużi u ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx

1. FI-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tagħhom, il-kontropartijiet eliġibbli ***għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE u l-istandards li hemm qbil fuqhom fuq livell internazzjonali u tal-UE u, għalhekk, m'għandhomx jappoġġjaw proġetti taħt dan ir-Regolament li jikkontribwixxu għall-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, l-evitar tat-taxxa, il-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa.***

Barra minn hekk, il-kontropartijiet eliġibbli m'għandhomx jidħlu f'operazzjonijiet ġodda jew imġedda ma' entitajiet inkorporati jew stabbiliti f'ġurisdizzjonijiet elenkati fil-politika tal-UE dwar il-ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx, jew li huma identifikati bħala pajjiżi terzi b'riskju kbir fis-sens tal-Artikolu 9.2 tad-Direttiva (UE) 2015/849, u li mhumiex effettivament konformi mar-regoli tal-UE jew tal-istandards li hemm qbil dwarhom fuq livell internazzjonali dwar it-trasparenza u l-iskambju tal-informazzjoni. Il-kontropartijiet eliġibbli jistgħu jidderogaw minn dan il-prinċipju biss jekk il-proġett jiġi fiżikament implimentat f'wieħed minn dawn il-ġurisdizzjonijiet, u ma jkunx hemm indikazzjonijiet li l-operazzjoni taqa' taħt kwalunkwe waħda mill-kategoriji elenkati f'dan il-paragrafu 1.

Meta jikkonkludu ftehimiet ma' intermedjarji finanzjarji, il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jittrasponu r-rekwiżiti msemmija f'dan l-Artikolu fil-ftehimiet rilevanti u għandhom jitolbu l-intermedjarji finanzjarji jirrapportaw fuq l-osservanza tagħhom.

2. Fl-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tagħha, il-kontroparti eliġibbli għandha tapplika l-prinċipji u l-istandards stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-fini tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u, b'mod partikolari, fir-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fid-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jagħmlu kemm il-finanzjament dirett kif ukoll il-finanzjament permezz ta' intermedjarji skont dan ir-Regolament kontinġenti fuq id-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849 (*id-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus*) u jippubblikaw data ta' rapportar pajjiż pajjiż f'konformità mal-Artikolu 89(1) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

KAPITOLU VI DISPOSIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 21

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ jom wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President